

Brussell, 22 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9060/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0140 (COD)**

**TRANS 210
MAR 66
TELECOM 143
MI 361
COMER 45
CYBER 105
ENFOCUSTOM 101
DATAPROTECT 96
IA 138
CODEC 797**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 279 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 279 final.

Mehmuż: COM(2018) 279 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2018
COM(2018) 279 final

2018/0140 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 231 final} - {SWD(2018) 183 final} - {SWD(2018) 184 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-bidliet teknoloġiċi qegħdin jolqtu l-partijiet kollha tas-soċjetà u tal-ekonomija u qegħdin jittrasformaw il-ħajja taċ-ċittadini tal-UE. It-trasport mhuwiex eċċezzjoni f'din it-tendenza. Teknoloġiji ġodda qegħdin ibiddu b'mod radikali l-pajsaġġ tal-mobilità. F'dan l-isfond, l-UE u l-industriji tagħha għandhom jilqgħu l-isfida biex isiru mexxejja dinjin fl-innovazzjoni, fid-diġitalizzazzjoni u fid-dekarbonizzazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk adottat approċċ komprensiv biex tiżgura li l-politiki dwar il-mobilità tal-UE jirriflettu dawn il-prijoritajiet politiċi fil-forma ta' tliet pakketti ta' mobilità "L-Ewropa Attiva".

Wara l-Istrateġija għall-Mobilità b'Emissjonijiet Baxxi, il-Kummissjoni adottat żewġ pakketti dwar il-mobilità f'Mejju u f'Novembru 2017. Dawn il-pakketti jistabbilixxu aġenda pożittiva li twettaq l-istrateġija dwar mobilità b'emissjonijiet baxxi u li tiżgura tranżizzjoni bla xkiel għal mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa għal kulħadd. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiżguraw l-adozzjoni rapida ta' dawn il-proposti.

Din l-inizjattiva hija parti mit-Tielet Pakkett "Ewropa Attiva", li jwettaq l-istrateġija l-għdida tal-politika industrijali ta' Settembru 2017 u li tfassal biex ilesti l-proċess li jippermetti li l-Ewropa tisfrutta l-benefiċċji kollha tal-modernizzazzjoni tal-mobilità. Huwa essenzjali li s-sistema tal-mobilità ta' għada tkun sigura, nadifa u effiċjenti għaċ-ċittadini kollha tal-UE. L-għan huwa li l-mobilità Ewropea ssir aktar sigura u iżjed aċċessibbli, l-industrija Ewropea ssir aktar kompetittiva, l-impjegji Ewropej jsiru iżjed siguri, u li l-mobilità ssir aktar nadifa u iżjed adattata għall-ħtieġa imperattiva li jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima. Dan se jirrikjedi l-impenn sħiħ tal-UE, tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati, mhux l-inqas fit-tisħiħ tal-investimenti fuq l-infrastruttura tat-trasport.

It-trasport totali tal-merkanzija fl-UE żdied bi kważi 25 % matul l-aħħar 20 sena¹, u huwa mistenni li dan se jkompli jiżdied b'51 % matul il-perjodu 2015-2050². Dan il-moviment kollu tal-merkanzija huwa akkumpanjat minn ammont kbir ta' informazzjoni li qed tiġi skambjata bejn varjetà ta' partijiet, kemm fil-qasam privat kif ukoll f'dak pubbliku. Illum din l-informazzjoni fil-biċċa l-kbira tiġi stampata fuq il-karta, f'varjetà ta' dokumenti b'format standard.

Madwar 99 % tal-operazzjonijiet tat-trasport tranfruntiera fit-territorju tal-UE għadhom jinvolvu dokumenti bbażati fuq il-karta f'xi stadju jew ieħor tal-operazzjoni³. Iżda d-diġitalizzazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni għandha l-potenzjal li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza tat-trasport u għalhekk tista' tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku.

¹ Imkejla f'biljuni ta' tunnelli-kilometri (tkm). Sors: It-Trasport tal-UE f'ċifri 2017.

² Deskrizzjoni tal-iżviluppi skont ix-xejriet u l-politiki attwali (jiġifieri l-linja bażi) tinsab fl-Anness 4 tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż.

³ B'mod aktar speċifiku, dawn jeħtieġu l-użu ta' dokumenti tal-karta f'xi punt jew ieħor tal-operazzjoni tat-trasport. Fi kliem ieħor, 1 % biss ta' dawn l-operazzjonijiet huma akkumpanjati bi skambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni kompletament diġitali. Madankollu, is-sehem tagħhom ivarja skont il-mezz tat-trasport. L-istima hija bbażata fuq l-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt minn Ecorys et al. (2018).

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt dwar l-ostakli għad-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tat-trasport tal-merkanzija u dwar l-għażliet disponibbli biex tappoġġja l-użu usa' tal-iskambju elettroniku tad-dokumenti u tal-informazzjoni. Il-problema ewlenija li identifikat kienet il-livell baxx u varjabbli tal-aċċettazzjoni ta' informazzjoni jew dokumenti li jsiru disponibbli elettronicament min-negozji, meta l-awtoritajiet jitolbuhom jipprovdu evidenza dwar il-konformità mal-kondizzjonijiet regolatorji għat-trasport tal-merkanzija fuq it-territorju ta' Stati Membri differenti.

Hemm żewġ fatturi ewlenin f'din il-problema:

- (a) **qafas legali frammentat** li jistabilixxi **obbligi inkonsistenti** għall-awtoritajiet meta jaċċettaw informazzjoni jew dokumenti elettroniċi⁴, u l-lok għal prattiki amministrattivi differenti biex dawn jimplementawhom; u
- (b) **ambjent frammentat tal-IT** ikkaratterizzat minn għadd kbir ta' **sistemi/soluzzjonijiet mhux interoperabbli** għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u tad-dokumentazzjoni dwar it-trasport, kemm għal komunikazzjoni bejn in-negozji u l-amministrazzjonijiet kif ukoll għal komunikazzjoni bejn in-negozji.

Iż-żewġ fatturi jsaħħu 'l xulxin. Il-leġiżlazzjoni frammentata u n-nuqqas ta' aċċettazzjoni li jirriżulta mill-awtoritajiet jiskoraġġixxu l-investment f'soluzzjonijiet diġitali għal dokumenti elettroniċi. L-ambjent frammentat tal-IT, speċifikament in-nuqqas ta' soluzzjonijiet stabbiliti ferm jew interoperabbli, jiskoraġġixxi lill-awtoritajiet milli jafdaw l-użu ta' dokumenti elettroniċi.

Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira tal-operaturi tat-trasport tal-merkanzija u partijiet kummerċjali ikkonċernati oħra fit-trasport fl-UE għadhom jużaw dokumenti tal-karta. Dan jimpedixxi kisbiet konsiderevoli fl-effiċjenza għad-diversi atturi fis-suq, b'mod partikolari fit-trasport multimodali u transfruntiera, u jxekkel il-funzjonament tas-suq uniku tal-UE.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li trawwem l-aċċettazzjoni u l-użu ta' dokumenti elettroniċi dwar it-trasport f'għadd ta' inizjattivi ta' politika: il-White Paper dwar it-Trasport, 2011⁵, L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, 2015⁶, il-Prijoritajiet tal-Istandardizzazzjoni tal-ICT għas-Suq Uniku Diġitali, 2016⁷ u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku 2016-2020⁸. Il-ħtieġa ta' intervent ġiet rikonoxxuta wkoll minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati.

Mill-2015 'l hawn, il-parteciċipanti fil-Forum dwar it-Trasport u l-Loġistika Diġitali (DTLF) — grupp ta' esperti tal-Kummissjoni fformat minn aktar minn mitt parteciċipant privat u pubbliku⁹ — enfasizzaw ripetutament il-ħtieġa għal intervent fil-livell tal-UE biex jingħata appoġġ favur adożzjoni usa' tad-dokumenti tat-trasport f'format elettroniku. F'Ottubru 2017, fid-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern Elettroniku, l-Istati Membri ħeġġew lill-Kummissjoni

⁴ Ir-rappreżentazzjoni elettronika tal-informazzjoni li bħalissa tinsab f'dokumenti tal-karta m'għandhiex għalfejn tkun *format* ta' dokument fis-sens ta' rappreżentazzjoni standardizzata tad-data. F'dan is-sens, it-terminu 'dokumenti' jista' jqarraq. Spjegazzjoni tal-merti taċ-ċaqliqa minn approċċ ibbażat fuq id-dokument għal approċċ ibbażat fuq id-data tinsab fl-Anness 8 tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż.

⁵ [COM/2011/0144](#), pp. 13, 19.

⁶ [COM\(2015\) 192](#), pp. 82-84.

⁷ COM(2016) 176, p. 11.

⁸ [COM\(2016\) 179](#), p. 8.

⁹ Id-[DTLF](#) ġie stabbilit mill-Kummissjoni f'April 2015 (Deċiżjoni C(2015) 2259) biex joffri pjattaforma fejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tat-trasport u tal-loġistika jkunu jistgħu jiskambjaw għarfien tekniku, jikkooperaw u jikkoordinaw bil-għan li jappoġġjaw miżuri li jippromwovu skambji elettroniċi effiċjenti ta' informazzjoni fit-trasport u fil-loġistika.

biex iżżid l-isforzi tagħha biex tistabilixxi proċeduri elettroniċi effiċjenti u utentċentriċi fl-UE, billi enfasizzaw is-sinifikat tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern Elettroniku¹⁰ u tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà¹¹.

F'Novembru 2017, matul il-Jiem ta' Tallinn għat-Trasport Diġitali, bosta partijiet ikkonċernati pubbliċi u privatimis-setturi kollha tat-trasport ikkonkludew li wasal iż-żmien li jibdwew igawdu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, inkluż l-iskambju tad-data mingħajr karti¹². B'segwitu, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni, fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport, biex tkompli taħdem mad-DTLF biex tiżviluppa "miżuri li jappoġġjaw¹³ użu u aċċettazzjoni aktar sistematiċi ta' dokumenti elettroniċi u skambju armonizzat ta' informazzjoni u ta' data fil-katina loġistika"¹⁴. F'Mejju 2017, il-Parlament kien stieden ukoll lill-Kummissjoni biex "iżżid l-armonizzazzjoni fit-trasport tal-passiġġieri u fit-trasport tal-merkanzija", u biex "tħaffef l-użu obbligatorju... tan-noti ta' konsenja elettronica (e-CMR)" b'mod partikolari¹⁵.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam tal-politika**

Din il-proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi attwali tal-UE dwar l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni applikabbli fis-settur tat-trasport. Dawn id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jvarjaw b'mod sinifikanti f'dawn li ġejjin: (i) l-ambitu materjali tagħhom — jiġifieri l-informazzjoni jew id-dokumenti kkonċernati; (ii) l-iskop regolatorju li għalih l-informazzjoni jew id-dokumenti jkunu meħtieġa; (iii) jekk il-possibbiltà li tiġi kkomunikata l-informazzjoni b'mod elettroniku tkunx stabbilita; u (iv) jekk jingħatawx speċifikazzjonijiet tekniċi aktar dettaljati dwar il-mezzi ta' komunikazzjoni elettronica u l-forma tal-informazzjoni elettronica jew tad-dokumenti meta tiġi stabbilita din il-possibbiltà. Din il-proposta tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE f'dan il-qasam u, fil-każ ta' ċerti atti tal-UE speċifiċi għas-settur tat-trasport, tissupplimenta dawn l-atti legali permezz ta' rekwiżiti funzjonali u speċifikazzjonijiet tekniċi aktar dettaljati.

Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jipprovdi li dokument elettroniku m'għandux jiċċaħħad mill-effett legali u mill-ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji minħabba s-sempliċi fatt li dan ikun f'għamla elettronica. Dan jistipula wkoll il-kondizzjonijiet għar-rikonnoxximent u għall-aċċettazzjoni transfruntiera tal-identifikazzjoni elettronica u tas-servizzi fiduċjarji fis-suq intern. Madankollu, dan ma jobligax lill-Istati Membri biex jaċċettaw dokumenti elettroniċi, jew l-informazzjoni li jkun fihom, bħala evidenza f'każi oħra li ma jkunux proċedimenti ġudizzjarji. Permezz tal-istabbiliment ta' qafas leġiżlattiv uniformi tal-Unjoni li jirrikjedi l-aċċettazzjoni transfruntiera tal-informazzjoni elettronica dwar it-trasport tal-merkanzija mill-awtoritajiet pubbliċi, din il-proposta tikkomplementa d-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

¹⁰ Id-Dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern Elettroniku ġiet iffirmata fil-laqgħa ministerjali waqt il-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-UE fis-6 ta' Ottubru 2017.

¹¹ https://ec.europa.eu/isa2/eif_en

¹² Id-Dikjarazzjoni tal-Jiem għat-Trasport Diġitali ġiet iffirmata f'Tallinn fl-10 ta' Novembru 2017 u tinsab fuq https://ec.europa.eu/transport/modes/road/news/2017-11-10-digital-transport-days-declaration_en.

¹³ P8_TA(2017)0228.

¹⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport, 15050/17, 5.12.2017.

¹⁵ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew [2017/2545\(RSP\)](#) tat-18 ta' Mejju 2017 dwar it-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronica u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 dwar il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹⁷ u d-Direttiva Nru 2010/65/UE dwar il-formalitajiet ta' rapportar għal bastimenti¹⁸ diġà fihom dispożizzjonijiet li jippermettu t-twettiq ta' formalitajiet ta' rapportar permezz ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni elettronika, inkluż fir-rigward tal-merkanzija u, rispettivament, fir-rigward tal-operazzjoni tat-trasport. Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti komunikazzjoni elettronika għat-twettiq ta' rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja wkoll lil hinn mill-punti ta' dħul, jew qabel il-punt tal-ħruġ, tal-UE, fit-territorju kollu tal-Unjoni. Ġeografikament għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-inizjattiva jibda fejn dak tar-Regolament tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u/jew id-Direttiva dwar ir-Rapportar Marittimu (RFD) jintemm (jew, bil-maqlub, jintemm fejn jibda dan tal-aħħar).

F'termini tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkonċernati mir-rekwiżiti tal-informazzjoni, madankollu, dawn l-ambiti jikkoinċidu: din l-inizjattiva tirrigwarda lit-trasport internazzjonali purament intra-UE (li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jew dak tad-Direttiva dwar ir-Rapportar Marittimu), kif ukoll lit-trasport internazzjonali li jkollu l-orijini, id-destinazzjoni jew it-tranżitu tiegħu f'territorju ta' Stat Membru tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-applikazzjoni konġunta ta' din l-inizjattiva u ta' dik ta' dawn iż-żewġ atti tal-UE se tiffaċilita aktar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija li jkollu l-orijini u d-destinazzjoni tiegħu barra mill-UE, kif ukoll it-traffiku marittimu intra-UE. Din se tippermetti li l-użu ta' mezzi elettroniċi għat-trażmissjoni ta' informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija lill-awtoritajiet ma jsirx biss fil-punt tad-dħul u tal-ħruġ tal-UE, iżda wkoll fit-territorju kollu tal-UE.

Fir-rigward tal-leġislazzjoni tal-Unjoni li tirregola l-kondizzjonijiet tat-trasport fit-territorju tal-Unjoni, din il-proposta ma temendax dispożizzjonijiet eżistenti f'atti legali rilevanti eżistenti, iżda minflok tfittex li tiżgura:

- a) **l-istabbiliment ta' qafas legali uniformi** għall-aċċettazzjoni, inklużi rekwiżiti speċifiċi, ta' informazzjoni jew dokumenti elettroniċi li jkun fihom din l-informazzjoni, fil-każ ta' atti legali li:
- jew **ma jipprovdu b'ebda mod** għall-possibbiltà li tiġi ppreżentata l-informazzjoni/dokumentu b'mod elettroniku, jiġifieri:
- Ir-Regolament Nru 11/1960 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KE dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri; u
- Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija; jew
- **jinkludu tali possibbiltà, iżda ma jindikawx, jew jipprovdu indikazzjoni limitata ħafna**, dwar kif din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku, jiġifieri:

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (UCC); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013; ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 fir-rigward ta' regoli dettaljati fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-UCC.

¹⁸ Id-Direttiva Nru 2010/65/UE dwar il-formalitajiet ta' rapportar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri.

- Id-Direttiva 2008/68/KE dwar oġġetti perikolużi fil-ferroviji, fit-triq u f'ilmijiet interni;
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni 2015/1998 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 300/2008 dwar regoli komuni għas-sikurezza tal-avjazzjoni;
- Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart;
- il-proposti, li bħalissa qed jiġu kkunsidrati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għar-reviżjoni tad-Direttiva 92/106/KEE (Proposta Nru 2017/0290 (COD)) u, rispettivament, tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 (Proposta Nru 2017/0123 (COD)).
- **b) l-interoperabbiltà tas-sistemi differenti tal-IT** użati bħalissa għal dawk l-atti legali li:
- **diġà jipprovdu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ħafna:** dwar il-format tal-iskambju elettroniku ta' data u ta' messaġġi għall-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet ta' ċerta informazzjoni relatata mal-oġġetti u ta' informazzjoni relatata mal-operazzjoni tat-trasport, irrISPettivament mill-mezz tat-trasport inkwistjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 952/2013 dwar il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-atti ta' implimentazzjoni u ddelegati tiegħu, u d-Direttiva 2010/65/UE dwar il-formalitajiet tar-rapportar marittimu;
- fihom **speċifikazzjonijiet dettaljati iżda speċifiċi għall-mezz tat-trasport**, jiġifieri r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 164/2010 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għar-rapportar elettroniku tal-bastimenti fin-navigazzjoni interna msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE dwar servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tal-applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija bis-sistema ferrovjarja (TAF TSI).
- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-għan ġenerali tal-inizjattiva huwa li tippermetti użu usa' ta' teknoloġiji diġitali li jagħtu kontribut favur: (i) it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; (ii) il-modernizzazzjoni tal-ekonomija; u (iii) effiċjenza akbar fis-settur tat-trasport. Bl-istabbiliment ta' kondizzjonijiet uniformi għall-iżvilupp u l-introduzzjoni ulterjuri ta' teknoloġiji diġitali għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija, din se tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika hija pprovduta mill-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u mill-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 91 u, rispettivament 100(2), li għandhom jinftehm u fid-dawl tal-Artikolu 90 li jirrikjedi li l-Istati Membri jsegwu politika komuni tat-trasport, jistabbilixxu r-rekwiżit li regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddu mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar u, rispettivament, dispożizzjonijiet xierqa għat-trasport bil-baħar u bl-ajru, għandhom jiġu stabbiliti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

L-Artikolu 192(1), li għandu jinftehem fid-dawl tal-Artikolu 191, jistabbilixxi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddeċiedu dwar l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex jintlaħaq l-għan li jiġu protetti inter alia s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Inizjattivi unilaterali mill-Istati Membri li jiffaċilitaw l-użu tal-iskambju elettroniku tad-dokumenti u tal-informazzjoni dwar it-trasport ikollhom effett limitat jekk ma tkunx ittieħdet azzjoni simili fi Stati Membri oħra li t-territorju tagħhom ikun ukoll involut fl-operazzjonijiet tat-trasport inkwistjoni.

Fl-istess waqt, anke li kieku l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE kellhom jadottaw leġiżlazzjoni li tiffaċilita l-użu ta' dokumenti elettroniċi, xorta jkun hemm riskju għoli li permezz ta' leġiżlar unilaterali, kull Stat Membru jadotta rekwiżiti differenti għall-aċċettazzjoni ta' dokumenti elettroniċi, u għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni regolatorja b'mod aktar ġenerali, bħala valida u awtentika. Fil-prattika, id-dokumenti u l-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' informazzjoni regolatorja li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-aċċettazzjoni fi Stat Membru wieħed xorta ma jiġux aċċettati fl-ieħor, u b'hekk jinħolqu ostakli fis-suq uniku tal-UE.

Għaldaqstant l-iktar livell xieraq biex tiġi indirizzata l-problema u l-fatturi tagħha huwa l-livell tal-UE, fejn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti approċċ uniformi għall-aċċettazzjoni ta' dokumenti elettroniċi u standards komuni għalih. F'dan ir-rigward, din l-inizjattiva testendi u tikkomplementa miżuri li diġà ttieħdu fil-livell tal-UE biex tiżgura kondizzjonijiet uniformi għall-aċċettazzjoni ta' informazzjoni u ta' dokumenti elettroniċi dwar it-trasport tal-merkanzija, inkluż billi tiżgura l-fiduċja fil-mezzi elettroniċi użati fil-komunikazzjoni tagħhom¹⁹.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta fiha miżuri maħsuba biex jinkisbu tliet objettivi ta' politika speċifiċi u distinti li jindirizzaw b'mod dirett iż-żewġ kawżi ewlenin tal-problema li ġew identifikati.

Biex tindirizza l-kawża ewlenija tal-problema, jiġifieri d-diverġenzi fil-qafas legali attwali u l-limiti fl-ispeċifikazzjonijiet tiegħu, din il-proposta fiha miżuri biex:

- (1) tiżgura l-istabbiliment, fl-Istati Membri kollha tal-UE, tal-obbligu tal-aċċettazzjoni ta' informazzjoni/dokumenti elettroniċi dwar it-trasport tal-merkanzija mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha;
- (2) tiżgura li l-awtoritajiet jimplimentaw l-obbligu tal-aċċettazzjoni b'mod uniformi;

Biex tindirizza t-tieni kawża tal-problema, li tirriżulta mill-koeżistenza attwali ta' sistemi multipli u mhux interoperabbli, il-proposta fiha miżuri biex:

- (3) tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT u s-soluzzjonijiet użati għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija, u b'mod partikolari għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni regolatorja bejn in-negozji u l-amministrazzjonijiet (B2A).

¹⁹ Inkluż il-qafas għall-użu transfruntiera tal-eIDs u tal-firem elettroniċi kif stabbilit mir-Regolament dwar l-eIDAS.

L-ebda waħda minn dawn il-miżuri ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu indirizzati l-problemi. L-ewwel sett ta' miżuri jistabbilixxu l-obbligu biex l-awtoritajiet jaċċettaw informazzjoni/dokumenti elettroniċi, iżda ma jimponux obbligu fuq in-negozji biex jużaw il-forma elektronika, la fir-relazzjonijiet B2A u lanqas f'dawk B2B (bejn negozju u ieħor). L-impożizzjoni ta' obbligu bħal dan fuq l-iskambji B2B tiżgura d-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-iskambji tad-dokumenti, iżda mhix neċessarja biex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet. Barra minn hekk, ħafna mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija argumentaw li n-negozji jinsabu lesti u se jimxu lejn diġitalizzazzjoni sħiħa meta jasal iż-żmien li l-awtoritajiet jippermettuha.

Fl-istess waqt, l-awtoritajiet mhumiex meħtieġa jaċċettaw kwalunkwe sors elettroniku ta' informazzjoni pprovduta min-negozji. Minflok, il-miżuri jqisu l-ħtieġa tal-awtoritajiet li l-informazzjoni/dokumenti ppreżentati jkunu awtentiċi u li jingħataw assigurazzjonijiet dwar l-integrità tagħhom. Il-miżuri jirrikjedu wkoll li l-awtoritajiet jaċċettaw l-informazzjoni/dokumenti kemm-il darba l-mezzi elettroniċi użati fil-preżentazzjoni tagħhom ikunu konformi ma' sett stabbilit ta' rekwiżiti.

It-tieni sett ta' miżuri jirrikjedi li l-Istati Membri jikkooperaw sabiex jallinjaw il-proċessi diġitalizzati (futuri) tagħhom biex jivverifikaw informazzjoni/dokumenti kkomunikati b'mod elettroniku. Dan jinkludi l-kooperazzjoni fuq is-sett ta' elementi ta' data li l-awtoritajiet tal-Istat Membru jirrikjedu bħala meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni stabbiliti fl-atti legali tal-UE u nazzjonali rilevanti. Dawn il-miżuri se jiżguraw regoli uniformi għal verifika elektronika ta' informazzjoni/dokumenti, u se jikkontribwixxu fit-tnaqqis tal-kostijiet fuq il-konformità amministrattiva (u għalhekk tal-piżijiet) tan-negozji. Madankollu, dawn il-miżuri ma jirrikjedux l-uniformità tar-rekwiżiti tal-informazzjoni nfushom kif stabbilit fil-leġislazzjoni rispettiva tal-UE u tal-Istati Membri.

It-tielet sett ta' miżuri jistabbilixxi r-rekwiżiti funzjonali għall-mezzi elettroniċi li n-negozji jistgħu jużaw biex jipprovdu lill-awtoritajiet l-informazzjoni regolatorja mitluba. Dawn il-miżuri jipprovdu wkoll għall-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jimplementaw ir-rekwiżiti. Dawn ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati jiżguraw li s-sistemi tal-IT użati mill-awtoritajiet differenti tal-Istat Membru jkunu interoperabbli ma' xulxin u mas-soluzzjonijiet użati min-negozji. Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet jiffaċilitaw ukoll l-interoperabbiltà mas-soluzzjonijiet B2A u B2B kollha (bħalissa speċifiċi ħafna għall-mezz tat-trasport).

- **Għażla tal-istrument**

Il-valutazzjoni tal-impatt stabbilixxiet li miżuri vinkolanti u regolatorji huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet. Regolament huwa l-aktar strument xieraq biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi tal-miżuri previsti. Direttiva tistabbilixxi l-obbligu li tiġi aċċettata informazzjoni ppreżentata b'mod elettroniku, b'rekwiżiti funzjonali komuni li għandhom jiġu mħarsa mill-mezzi elettroniċi li bihom l-informazzjoni ssir disponibbli, iżda ma timponix rekwiżiti tekniċi vinkolanti komuni.

Ċerti żviluppi kurrenti, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Formalitajiet tar-Rapportar, jindikaw li n-nuqqas ta' linji gwida jew ta' linji gwida volontarji rigward speċifikazzjonijiet tekniċi jirriżulta fl-introduzzjoni ta' sistemi multipli u mhux interoperabbli mill-Istati Membri differenti²⁰. Dan iżid il-kostijiet tal-konformità għan-

²⁰ Differenzi fir-rekwiżiti bejn l-awtoritajiet differenti, kemm fl-Istati Membri kif ukoll bejniethom, huma xi ħaġa mistennija. Eżempji miġbura matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt, dan jixhduh biċ-ċar.

negozji, minħabba li jkollhom b'zonn jinvestu f'sistemi differenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' Stati Membri differenti. B'riżultat ta' dan in-negozji jistgħu jippreferu jkomplu jaħdmu bil-karti, u dan ifixkel serjament il-kisba tal-oġettiv.

L-inizjattiva hija teknika ħafna, u hemm probabbiltà kbira li jkollha tiġi adattata b'mod regolari għal żviluppi tekniċi u legali. B'risposta għal dan, hemm ippjanati wkoll għadd ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Dawn se jiffukaw b'mod partikolari fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jimplementaw il-ħtiġiet funzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-Kummissjoni kienet involuta b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati kollha u wettqet konsultazzjonijiet komprensivi tul il-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt kollu. L-attivitajiet ta' konsultazzjoni inkludew:

- konsultazzjoni pubblika miftuħa (OPC) organizzata mill-Kummissjoni, mill-25 ta' Ottubru 2017 sat-18 ta' Jannar 2018;
- sħarriġ ma' panel tal-SMEs organizzat mill-Kummissjoni, mill-24 ta' Novembru 2017 sat-22 ta' Jannar 2018;
- sħarriġ legali ma' partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi organizzat mill-konsulent responsabbli mill-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt, mit-23 ta' Ottubru 2017 sal-1 ta' Jannar 2018;
- sħarriġ immirat ma' partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi organizzat mill-konsulent responsabbli mill-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt, mis-27 ta' Ottubru 2017 sas-7 ta' Jannar 2018;
- 50 intervista mal-partijiet ikkonċernati, inklużi r-rappreżentanti tal-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali, immexxija mill-konsulent responsabbli mill-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt u s-sħab tiegħu bejn l-20 ta' Ottubru 2017 u l-15 ta' Jannar 2018;
- laqgħat u workshops mal-partijiet ikkonċernati f'bosta avvenimenti differenti;
- ħames studji ta' każijiet eżaminati mill-konsulent responsabbli mill-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt bejn is-6 ta' Novembru 2017 u l-15 ta' Jannar 2018.

Dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni pprovdew kontribut sinifikanti li għen biex tiġi vvalidata u elaborata d-definizzjoni tal-problema u biex issir stima tad-daqs tagħha, u biex jiġu elenkati l-preferenzi tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-għażliet ta' politika possibbli. Il-kontribut f'dan il-qasam ingħata primarjament mill-OPC, mill-istħarriġ mal-panel tal-SMEs u mill-istrumenti l-oħra użati li involvew lill-partijiet ikkonċernati²¹.

Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati — jiġifieri aktar minn 90 % tal-265 SME li rrispondew għall-istħarriġ tal-panel tal-SMEs²², u 88 mill-100 risponent għall-

²¹ Is-sommarju ta' hawn taħt huwa bbażat fuq it-tweġibiet li waslu mill-OPC u mill-istħarriġ mal-panel tal-SMEs. Għal deskrizzjoni aktar dettaljata tar-riżultati tal-konsultazzjoni, inkluż tal-kontribut li wasal mill-intervisti u mill-istudji ta' każijiet imwettqa mill-konsulent estern, ara Ecorys et al. (2018) Impact Assessment support study, Annessi VIII-XI.

istħarriġ tal-OPC indikaw benefiċċji sinifikanti jew almenu mistennija mill-adozzjoni tal-iskambju elettroniku tal-informazzjoni.

90 % tal-kumpaniji u tal-assoċjazzjonijiet privati li wieġbu għall-OPC indikaw in-nuqqas ta' aċċettazzjoni ta' informazzjoni/dokumenti elettroniċi dwar it-trasport mill-awtoritajiet tal-Istati Membri bħala kawża sinifikanti tal-problema. Għall-kumpaniji ż-żgħar, l-istħarriġ mal-panel tal-SMEs sab li r-raġuni ewlenija għaliex ma jintużawx dokumenti elettroniċi dwar it-trasport kienet li l-klijenti u s-sħab kummerċjali tagħhom ma jużawx dokumenti dwar it-trasport f'għamla elektronika. It-tieni l-aktar raġuni msemmija minn dan il-grupp (issegwi l-ewwel waħda mill-qrib) kienet in-nuqqas ta' aċċettazzjoni mill-awtoritajiet. Fl-istess waqt, ir-rispondenti tal-istħarriġ u l-intervisti mmirati enfasizzaw li r-raġuni ewlenija għaliex in-negozji ma jaċċettawx dokumenti elettroniċi hija l-inċertezza dwar jekk l-awtoritajiet jaċċettawhomx. Aktar minn 70 % tar-rispondenti tal-OPC u tal-panel tal-SMEs magħduda flimkien semmew ukoll in-nuqqas ta' interoperabbiltà tas-sistemi u tas-soluzzjonijiet tal-IT attwali tal-B2A u tal-B2B.

B'mod konsistenti ma' din il-valutazzjoni, madwar 90 % tar-rispondenti tal-OPC qiesu l-iżgurar tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, filwaqt li 88 % sabu li approċċ legalment vinkolanti li jiżgura aċċettazzjoni bħal din ikun aktar effettiv minn wieħed mhux vinkolanti. 90 % tal-persuni kollha li wieġbu għall-OPC indikaw ukoll bħala importanti l-interoperabbiltà tal-komunikazzjonijiet B2A u B2B. Bl-istess mod, 75 % tar-rispondenti tal-panel tal-SMEs indikaw l-iżgurar tal-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet bħala objettiv ta' politika importanti ħafna, u 13 % oħra qisuh bħala moderatament importanti.

Iktar minn 70 % tar-rispondenti tal-OPC u tal-panel tal-SMEs magħduda flimkien wieġbu li jilqgħu b'mod favorevoli speċifikazzjonijiet tekniċi standardizzati għall-qsim tad-data bejn l-operaturi tal-loġistika u l-amministrazzjoni pubblika: 88 % tar-rispondenti għall-OPC qiesu li approċċ legalment vinkolanti jkun iktar effettiv minn miżuri mhux vinkolanti. Għall-komunikazzjoni B2B, 67 % tal-100 risponent għall-OPC qiesu li l-approċċ li legalment vinkolanti jkun iktar effettiv, filwaqt li 84 % ippreferew miżuri volontarji. 77 % tar-rispondenti għall-istħarriġ tal-panel tal-SMEs indikaw bħala importanti ħafna (65 %) jew moderatament importanti (22 %) il-kapaċità li tintuża sistema/applikazzjoni tal-IT għall-iskambju ta' dokumenti elettroniċi dwar it-trasport mal-awtoritajiet, u tqieset daqstant ieħor importanti l-kapaċità li tintuża applikazzjoni/sistema waħda bħal din għall-iskambju elettroniku mal-kumpaniji l-oħra kollha (68 % indikawha bħala importanti ħafna, u 19 % oħra bħala moderatament importanti).

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta hija bbażata fuq tfittxija ta' fatti u fuq konsultazzjoni ma' esperti, b'mod partikolari rigward l-istimi tal-kostijiet u tal-benefiċċji, inkluż l-immudellar tal-effetti indiretti u l-impatt tal-bidla modali. Konsulenti esterni ħejjew studju ta' appoġġ dwar il-kostijiet u l-impatti. Ġew użati wkoll is-servizzi ta' konsulenti esterni għall-immudellar tal-effetti indiretti u għall-valutazzjoni tal-impatt tal-bidla modali.

Ġew involuti mill-qrib esperti mill-kategoriji prinċipali kollha tal-partijiet ikkonċernati, kemm mill-industrija kif ukoll minn awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-Forum dwar it-Trasport u l-Loġistika Diġitali. Dan għen biex tiġi żgurata perspettiva komprensiva u multimodali dwar il-kwistjonijiet involuti.

²² L-għadd tar-rispondenti li wieġbu l-mistoqsijiet relatati mal-benefiċċji fl-istħarriġ mal-panel tal-SMEs varja bejn 230 u 250, skont il-benefiċċji speċifiċi identifikati fil-mistoqsijiet differenti.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-miżuri ta' politika inklużi f'din il-proposta huma infurmati mir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt. Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt [SWD(2018) 184] irċieva opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju tal-Kummissjoni [SEC(2018) 231]. Fl-opinjoni tiegħu, il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju pprova għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-preżentazzjoni tal-argumenti fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt. Dawn irakkomandazzjonijiet ġew indirizzati; l-Anness 1 tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt jipprovdi deskrizzjoni fil-qosor dwar kif sar dan.

Ġiet ikkunsidrata lista twila ta' miżuri ta' politika li jindirizzaw iż-żewġ kawżi ewlenin tal-problema wara konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, laqgħat ta' esperti, riċerka indipendenti u l-analiżi tal-Kummissjoni. Din il-lista ġiet eżaminata abbażi tal-kriterji li ġejjin: (i) il-fattibilità legali, politika u teknika; (ii) l-effettività; (iii) l-effiċjenza; u (iv) il-proporzjonalità. Abbażi ta' din l-analiżi inizjali, twarrbu għadd ta' miżuri ta' politika.

Il-miżuri tal-politika magħżula nġabru f'erba' għażliet ta' politika distinti:

- Għażla 1: Obbligu sħiħ għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-qafas legali attwali fir-rigward tal-aċċettazzjoni ta' kuntratti elettroniċi dwar it-trasport, b'armonizzazzjoni volontarja tal-implimentazzjoni.
- Għażla 2: Obbligu sħiħ għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jaċċettaw kuntratti elettroniċi dwar it-trasport, b'armonizzazzjoni minima tal-implimentazzjoni
- Għażla 3: Obbligu sħiħ għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jaċċettaw informazzjoni jew dokumentazzjoni regulatorja dwar it-trasport tal-merkanzija, b'implimentazzjoni parzjalment armonizzata
- Għażla 4: Obbligu sħiħ għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jaċċettaw informazzjoni jew dokumentazzjoni regulatorja dwar it-trasport tal-merkanzija, b'implimentazzjoni kompletament armonizzata

L-għażliet kollha kien fihom, fil-parti l-kbira, l-istess sett ta' miżuri ta' politika. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu implimentati jew f'forma mhux vinkolanti, bħala miżuri ta' appoġġ li jippromwov u azzjoni volontarja mill-Istati Membri, jew f'forma regulatorja, bħall-adozzjoni ta' att legali ddedikat għid tal-UE u l-iffirmar ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi. Il-loġika tal-bini tal-għażliet ta' politika segwiet taħlita ta' dawn il-miżuri, b'varjazzjoni fuq żewġ assi: il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-inizjattiva ta' politika, minn naħa, u l-livelli tas-saħħa regulatorja tal-intervent, fuq in-naħa l-oħra.

Saret analiżi komparattiva tal-effettività, l-effiċjenza, il-kostijiet u l-benefiċċji tal-erba' għażliet. Din l-analiżi wriet li: (i) l-implimentazzjoni tal-għażliet ta' politika 3 jew 4 tipproduċi proporzjonijiet ta' kostijiet u benefiċċji simili haġna; u (ii) iż-żewġ għażliet jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jiġu solvuti l-problemi identifikati, b'effettività ferm ogħla fl-ilħiq tal-għanijiet ta' politika speċifiċi u ġenerali mill-għażliet 1 jew 2.

L-effettività għolja tal-għażliet 3 u 4 tirriżulta, minn naħa, mill-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-kopertura tal-informazzjoni fl-obbligu tal-aċċettazzjoni u, min-naħa l-oħra, mil-livell ogħla ta' speċifikazzjoni tar-rekwiżiti vinkolanti għall-aċċettazzjoni ta' mezzi elettroniċi. L-obbligu tal-aċċettazzjoni mhuwieq iddefinit f'termini ta' dokumenti speċifiċi, bħalma hu l-każ tal-għażliet 1 u 2, iżda f'termini tal-"informazzjoni" meħtieġa mil-leġislazzjoni tal-UE u minn dik nazzjonali li tirregola l-kondizzjonijiet tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija fuq it-

territorju tal-Istati Membri. Bħala tali, mhumiex koperti biss il-kuntratti elettroniċi tal-ġarr, iżda wkoll kwalunkwe format tat-twassil tal-informazzjoni elettronika, sakemm ikun hemm konformità ma' dawn li ġejjin: (i) ir-rekwiżiti tal-kontenut tal-informazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli; u (ii) ir-rekwiżiti għall-mezzi elettroniċi li permezz tagħhom din l-informazzjoni tkun tista' ssir disponibbli, stabbiliti fil-qafas tal-att legali l-ġdid propost.

L-Għażla 3 kienet l-għażla politika preferuta, u din il-proposta ġiet żviluppata fuqha. L-għażla bejn l-għażliet 3 u 4 qieset l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll konsiderazzjonijiet dwar il-proporzjonalità. Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija fis-setturi marittimi, tal-avjazzjoni u tal-ferrovija b'mod partikolari qajmu b'mod ċar il-punt li minkejja li jenħtieġ approċċ multimodali, il-Kummissjoni għandha tevita li tipproponi soluzzjoni 'waħda għal kulħadd'²³. Il-konsiderazzjonijiet ewlenin jirrigwardaw l-investimenti f'soluzzjonijiet relatati diġà mħaddma f'dawn is-setturi. Dawn is-soluzzjonijiet ġew żviluppati abbażi tad-dispożizzjonijiet attwali tal-konvenzjonijiet internazzjonali u tal-liġi tal-UE li, kif enfasizzat ukoll l-analiżi legali f'dan ir-rapport, huma speċifiċi għall-mezz u jvarjaw b'mod sinifikanti.

L-impożizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompletament komuni għall-interoperabbiltà, għas-soluzzjonijiet kollha użati għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni regolatorja B2A u fil-mezzi kollha ta' trasport, kif propost fl-għażla 4, tkun teħtieġ investimenti oġġla u immedjati min-negozji f'dawn is-setturi biex jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda.

Taħt l-għażla 3, il-punt sa fejn jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi komuni transmodali bħal dawn ikun determinat abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika. L-għan ta' din il-valutazzjoni tal-impatt ikun li jiġu stabbiliti b'mod aktar preċiż l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi transetturali komuni u minimi meħtieġa li jiżguraw l-interoperabbiltà bejn is-sistemi relatati kollha użati mill-awtoritajiet u mas-soluzzjonijiet użati min-negozji, filwaqt li jintlaħaq l-aħjar rapport bejn il-kostijiet u l-benefiċċji għall-kostijiet tal-konformità min-negozji u l-benefiċċji futuri.

Is-suppożizzjoni, ibbażata fuq l-argumenti tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, hija li jista' jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' interoperabbiltà mingħajr il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti fil-mezzi kollha tat-trasport. B'mod aktar speċifiku, skont il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, l-interoperabbiltà tkun teħtieġ, bħala minimu, dizzjunarju komuni għad-data multimodali²⁴. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jimplimentaw rekwiżiti oħra, bħal dawk relatati mal-awtentikità jew mal-integrità, jistgħu jiġu żviluppati speċifikament għall-mezzi differenti ta' trasport, jekk analiżi separata u ddedikata tal-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li approċċ bħal dan ikun l-aktar wieħed kosteffiċjenti għal uħud mir-rekwiżiti (komuni).

Il-benefiċċji prinċipali mistennija mill-għażla ta' politika preferuta għandhom natura ekonomika u ambjentali. L-industrija mistennija tiffirka daqs EUR 20-27 biljun matul il-perjodu 2018-2040, imqabbel ma' xenarju fejn ma jsir ebda intervent fil-livell tal-UE (il-linja bażi), minħabba tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi (jiġifieri kostijiet relatati mal-ġestjoni u mal-iskambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar it-trasport). Dan huwa ekwivalenti

²³ Ara pereżempju ECSA u WSC (marittimu), kif ukoll d-dokumenti ta' pożizzjoni tas-CER (ferroviji) mibgħuta b'reazzjoni għall-valutazzjoni tal-impatt inizjali (IIA). Il-IATA ilha tieħu sehem b'mod attiv fi kważi s-seminars ta' konsultazzjoni kollha tal-partijiet ikkonċernati organizzati, fejn ġiet iddikjarata b'mod ċar din il-pożizzjoni.

²⁴ 73 % tar-rispondenti f'sessjoni ta' risponsi interattiva matul il-workshop dwar id-dokumenti elettroniċi f'Tallinn kienu favur l-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet tekniċi standardizzati għall-qsim tad-data bejn l-operaturi tal-loġistika u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Bl-istess mod, l-Union TLF ipproponiet l-istabbiliment ta' sett uniku ta' data fil-livell tal-UE. Skont l-intervisti mmirati (sors Ecorys et al.) il-grupp tal-ispedituri enfasizza l-importanza ta' sett komuni ta' data li jkun infurzat permezz tal-leġislazzjoni tal-UE. Il-ħtieġa ta' sett komuni ta' data kienet ġiet indikata b'mod speċifiku wkoll fid-dokument ta' pożizzjoni tal-gvern tal-Finlandja dwar din l-inizjattiva.

għal 75-102 miljun siegħa ffrankati kull sena (jew ekwivalenti għal 36-49 elf impjegat full-time). L-operaturi tat-trasport bit-triq, li 99 % minnhom huma SMEs, mistennija jibbenefikaw minn madwar 60 % tal-iffrankar tal-kostijiet amministrattivi kollha tal-industrija.

Mistennija wkoll impatti ambjentali pożittivi, minħabba tnaqqis fis-sehem modali tat-trasport bit-triq fl-2030 relattivament mal-linja bażi. F'termini kumulattivi, l-emissjonijiet tas-CO2 huma stmati li jitnaqqas b'aktar minn 1,300 elf tunnellata matul il-perjodu 2018-2040, relattivament mal-linja bażi, ekwivalenti għal frankar ta' kostijiet esterni ta' EUR 74 miljun. Il-kostijiet tal-konġestjoni huma pproġettati li jitnaqqsu bi kważi EUR 300 miljun relattivament mal-linja bażi matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, b'medja ta' 1-5 kopji għal kull dokument għal kull vjaġġ li mhux se jibqgħu jiġu stampati, se jiġu frankati madwar 2-8 biljun folja ta' karta, jew l-ekwivalenti ta' 180-900 elf siġra kull sena.

Il-kostijiet prinċipali mistennija, huma relatati mal-investimenti meħtieġa biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti ġodda tal-politika. Il-kostijiet għall-awtoritajiet pubbliċi huma stmati li jlaħħqu madwar EUR 268 miljun fuq l-orizzont tal-iskjerament sħiħ ta' dokumenti elettroniċi dwar it-trasport, relattivament mal-linja bażi, li minnhom EUR 17-il miljun huma relatati maċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-soluzzjoni u EUR 251 miljun mal-infurzar. Barra minn hekk, l-amministrazzjonijiet nazzjonali mistennija li jinvestu f'sistemi ġodda tal-IT, jew li jaġġustaw dawk eżistenti; dawn lil-kostijiet aktarx ma jkunux sinifikanti. Għan-negozji, il-kostijiet tal-konformità mistennija jkunu madwar EUR 4.4 biljun.

L-impatti fuq l-impjiegi jistgħu jkunu kemxejn negattivi f'każ li l-persunal li jisfa' bla xogħol kaġun ta' tnaqqis fl-attivitajiet ta' ġestjoni tad-dokumentazzjoni ma jitqassamx fuq kompiti oħra. Dan l-impatt negattiv mistenni jiġi kkompensat fil-biċċa l-kbira mit-tkabbir settorjali ġenerali. Id-domanda akbar għal soluzzjonijiet u sistemi tal-IT aktarx iġġib aktar opportunitajiet għall-fornituri tal-IT, u dan iwassal għal żieda fl-impjiegi b'ħiliet għolja.

Jista' jkun hemm esternalitajiet kemxejn negattivi minħabba ż-żieda fit-tniġġis tal-arja mit-trasport fuq l-ilma, stmat madwar EUR 41 miljun fuq l-orizzont tal-iskjerament sħiħ ta' dokumenti elettroniċi dwar it-trasport, relattivament mal-linja bażi.

- **L-idoneità u s-simplifikazzjoni regolatorja**

Il-proposta toffri simplifikazzjoni sinifikanti u titjib fl-effiċjenza billi tnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi meta jiġu biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja b'konnessjoni mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni.

Huwa mistenni li **jitnaqqas il-piż amministrattiv** billi: jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jagħmlu l-informazzjoni regolatorja disponibbli għall-awtoritajiet b'mod elettroniku; isir allinjament tal-proċeduri użati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jivverifikaw l-informazzjoni regolatorja disponibbli b'mod elettroniku. Kif enfasizzat qabel, il-kostijiet amministrattivi għall-industrija mistennija jinżlu b'mod sinifikanti.

L-SMEs u l-mikrointrapriżi se jibbenefikaw b'mod speċjali mill-possibbiltà li jipprovdu lill-awtoritajiet l-informazzjoni regolatorja meħtieġa b'mod issimplifikat u allinjat, irrispettivament mill-Istat Membru jew mill-awtoritajiet kompetenti. Dan minħabba li l-SMEs u l-mikrointrapriżi huma proporzjonalment aktar vulnerabbli għal amministrazzjoni ineffiċjenti u għal ħin mitluf mill-persunal.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta għandha impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali garantita fl-Artikolu 8 tal-Karta. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont din il-proposta għandu jsir skont il-

leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Il-Kummissjoni se ssegwi l-progress, l-impatti u r-riżultati ta' din l-inizjattiva permezz ta' sett ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ/evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tkejjel il-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi speċifiċi tal-proposta l-għdida.

It-talbiet għal informazzjoni (rapporti, tveġibiet għal eżerċizzji ta' sħarriġ) se jkunu bbilanċjati bir-reqqa sabiex ma jpoġġux piż addizzjonali fuq il-partijiet ikkonċernati billi joħolqu rikjesti ġodda ta' rapportar sproporzjonati.

Ħames snin wara tmiem id-data tal-implimentazzjoni tal-proposta legali, il-Kummissjoni se tibda evalwazzjoni biex tivverifika jekk ikunux intlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva. L-evalwazzjoni se tkun ibbażata fuq rapporti mill-Istati Membri, eżerċizzji ta' sħarriġ mill-partijiet ikkonċernati u kontributi oħrajn (bħal ilmenti) minn operaturi tat-trasport tal-merkanzija. Sussekwentement, fil-futur l-evalwazzjoni se tinforma l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex tiżgura li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa għall-ilħiq tal-oġġettivi stabbiliti.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta hija maqsuma f'ħames kapitli. L-ewwel u l-aħħar kapitoli jintroduċu l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali u xi dispożizzjonijiet orizzontali, filwaqt li l-Kapitoli II-IV jipprovdu l-aktar strumenti dettaljati.

L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2 fih dispożizzjonijiet dwar setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex temenda elementi mhux essenzjali fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament, fejn jinsabu elenkati r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja li jaqgħu fil-kamp ta' approvazzjoni tar-Regolament.

L-Artikolu 3 fih id-definizzjonijiet.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi r-rekwiżiti marbuta mal-format elettroniku li fih l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport (eFTI) għandha ssir disponibbli mill-operaturi ekonomiċi inkwistjoni.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi, għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-obbligu li l-informazzjoni regolatorja ssir disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi inkwistjoni f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

L-Artikolu 6 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti, il-fornituri tas-servizzi tal-eFTI u l-operaturi ekonomiċi inkwistjoni jieħdu miżuri biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pproċessata u skambjata f'konformità ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-obbligu tal-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu sett u sottosettijiet komuni ta' data fir-rigward tar-rekwiżiti regolatorji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li tistabbilixxi proċeduri u regoli komuni għall-aċċess u għall-ipproċessar mill-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni regolatorja pprovduta b'mod elettroniku. Dan għandu jiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jimplimentaw b'mod uniformi dawk il-miżuri li jimplimentaw l-obbligu li tiġi aċċettata informazzjoni regolatorja disponibbli b'mod elettroniku.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi r-rekwiżiti funzjonali għall-pjattaformi tal-eFTI li permezz tagħhom l-informazzjoni regolatorja tkun tista' ssir disponibbli mill-operaturi ekonomiċi inkwistjoni, u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Dawn ir-rekwiżiti għandhom l-għan li jiżguraw li l-ġestjoni tad-data permezz ta' dawn il-pjattaformi tkun tista' ssir b'mod li jiżgura ċerti aspetti essenzjali bħad-disponibbiltà, l-awtentiċità, l-integrità, il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-data. Dawn ir-rekwiżiti huma ġenerali, u r-regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tagħhom inħasbu wkoll b'tali mod li jibqgħu miftuħa għal kwalunkwe teknoloġija attwali jew futura li tkun tista' tiżgura dawn il-funzjonalitajiet.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI li jipprovdu servizzi ta' informazzjoni regolatorja lill-operaturi ekonomiċi inkwistjoni abbażi ta' pjattaformi tal-eFTI.

L-Artikolu 10, l-Artikolu 11 u l-Artikolu 12 jistabbilixxu r-regoli għal sistema ta' ċertifikazzjoni tal-pjattaformi eFTI u għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.

L-Artikolu 13 jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-għoti tas-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 14 jistabbilixxi l-proċedura tal-kumitat għall-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 15 jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, sabiex tivvaluta l-prestazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-isfond tal-oġettiv li ġie stabbilit li jsegwi. Jesiġi wkoll li l-Istati Membri jgħinu lill-Kummissjoni biex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex tfejji r-rapport ta' evalwazzjoni.

L-Artikolu 16 jistabbilixxi l-obbligu tal-Istat Membru li jipprovdi kull sentejn, fuq bażi annwali, informazzjoni speċifika mmirata lejn il-monitoraġġ fuq l-impatti tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 17 fih dispożizzjonijiet relatati mad-data tad-dħul fis-seħħ u, rispettivament, tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²⁶,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġislattiva,

Billi:

- (1) L-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija u tal-loġistika hija vitali għall-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, għall-funzjonament tas-suq intern u għall-koeżjoni soċjali u ekonomika tar-regġuni kollha tal-Unjoni.
- (2) Il-moviment tal-merkanzija huwa akkumpanjat minn ammont kbir ta' informazzjoni li għadha tiġi skambjata f'format stampat, fost in-negozji u bejn in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi. L-użu ta' dokumenti tal-karta jirrappreżenta piż amministrattiv sinifikanti għall-operaturi loġistiċi.
- (3) In-nuqqas ta' qafas legali uniformi fil-livell tal-Unjoni li jirrikjedi li l-awtoritajiet pubbliċi jaċċettaw informazzjoni rilevanti dwar it-trasport tal-merkanzija, meħtieġa mil-leġislażzjoni, f'forma elettronika, hija r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' progress lejn is-simplifikazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tal-mezzi elettroniċi. In-nuqqas ta' aċċettazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi tal-informazzjoni f'forma elettronika jaffettwa mhux biss il-faċilità tal-komunikazzjoni bejniethom u mal-operaturi iżda, indirettament, ixekkel ukoll l-iżvilupp ta' komunikazzjoni elettronika simplifikata bejn negozju u ieħor fl-Unjoni kollha.
- (4) Xi oqsma tal-liġi tat-trasport tal-Unjoni jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw informazzjoni diġitalizzata, iżda dan fil-biċċa l-kbira ma jirrigwardax il-leġislażzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw mezzi elettroniċi biex l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija ssir disponibbli għall-awtoritajiet fit-territorju kollu tal-Unjoni u fir-rigward tal-fażijiet rilevanti kollha tal-

²⁵ ĠU C , , p. .

²⁶ ĠU C , , p. .

operazzjonijiet tat-trasport imwettqa fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tapplika għall-informazzjoni regolatorja kollha, fil-mezzi kollha tat-trasport.

- (5) L-awtoritajiet tal-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jkunu obbligati jaċċettaw l-informazzjoni disponibbli b'mod elettroniku kull meta l-operaturi ekonomiċi jkunu obbligati jagħmlu l-informazzjoni disponibbli bħala prova tal-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-atti tal-Unjoni adottati skont it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat jew, minħabba s-similarità tas-sitwazzjonijiet, mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-vjeġġ tal-iskart. L-istess jenħtieġ li japplika fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li tittratta kwistjonijiet irregolati mit-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat teħtieġ l-għoti ta' informazzjoni regolatorja li tkun identika, kompletament jew parzjalment, għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont tali leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (6) Peress li dan ir-Regolament huwa maħsub biss biex jiffaċilita l-għoti tal-informazzjoni, u speċifikament b'mezzi elettroniċi, jenħtieġ li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li jiddeterminaw il-kontenut tal-informazzjoni regolatorja u, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma jimponu l-ebda rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja addizzjonali. Filwaqt li dan ir-Regolament huwa maħsub biex jippermetti l-konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja permezz ta' mezzi elettroniċi iżjed milli permezz ta' dokumenti stampati, jenħtieġ li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar rekwiżiti li jirrigwardaw id-dokumenti li suppost jintużaw għall-preżentazzjoni strutturata tal-informazzjoni inkwistjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-vjeġġi ta' skart li jkun fihom rekwiżiti proċedurali għall-vjeġġi ukoll mistennija li ma jintlaqtux minn dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 jew f'atti ta' implimentazzjoni jew iddelegati adottati skont it-termini tiegħu.
- (7) L-użu ta' mezzi elettroniċi għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi organizzat b'mod li jiżgura s-sigurtà u jirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali sensitiva.
- (8) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni rilevanti f'forma elettronika bl-istess mod fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu joqogħdu fuq speċifikazzjonijiet komuni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw l-interoperabbiltà tad-data għad-diversi settijiet u sottosettijiet ta' data li jirrigwardaw l-informazzjoni regolatorja rilevanti, u jiddeterminaw proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-aċċess u għall-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.
- (9) Fid-definizzjoni ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet, jenħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-iskambju tad-data stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni u fl-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti għall-iskambju multimodali tad-data, kif ukoll il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà²⁷, li jipprovdi approċċ għat-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali Ewropej miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni

²⁷ Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – Strateġija ta' Implimentazzjoni, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, (COM(2017) 134).

xierqa wkoll biex dawn l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu teknoloġikament newtrali u miftuħa għal teknoloġiji innovattivi.

- (10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti funzjonali applikabbli għall-pjattaformi bbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jistgħu jintużaw minn operaturi ekonomiċi biex jagħmlu disponibbli l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija f'format elettroniku (eFTI) lill-awtoritajiet kompetenti (pjattaformi tal-eFTI). Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll kondizzjonijiet għal fornituri terzi ta' servizzi tal-pjattaformi tal-eFTI (fornituri ta' servizzi tal-pjattaformi tal-eFTI).
- (11) Biex tinbena l-fiduċja kemm tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-konformità tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ma' daww ir-rekwiżiti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ sistema ta' ċertifikazzjoni msejsa fuq akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸.
- (12) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligu li tiġi aċċettata informazzjoni regolatorja disponibbli f'format elettroniku skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Daww is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹.
- (13) B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex din tistabbilixxi sett u sottosettijiet komuni ta' data fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-awtoritajiet kompetenti għall-aċċess u għall-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni fejn l-operaturi ekonomiċi inkwistjoni jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli b'mod elettroniku, inklużi regoli dettaljati u speċifikazzjonijiet tekniċi.
- (14) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex din tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għall-pjattaformi tal-eFTI u għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.
- (15) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex:
 - temenda l-Parti B tal-Anness I, sabiex tinkorpora l-listi ta' rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri notifikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament;
 - temenda l-Parti A tal-Anness I biex tqis kwalunkwe att iddelegat jew ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni li jistabbilixxi rekwiżiti ġodda ta' informazzjoni regolatorja tal-Unjoni fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija;
 - temenda l-Parti B tal-Anness I biex tinkorpora kwalunkwe dispożizzjoni ġdida tal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti li tintroduċi bidliet fir-rekwiżiti regolatorji

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p.30).

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

nazzjonali ta' informazzjoni, jew li tistabilixxi rekwiżiti rilevanti għodda ta' informazzjoni regolatorja li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament notifikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament;

- tissupplimenta ċerti aspetti tekniċi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri fir-rigward tar-regoli taċ-ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.

- (16) B'mod partikolari huwa importanti li waqt il-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁰. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (17) Billi l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżgurar ta' approċċ uniformi għall-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija disponibbli b'mod elettroniku, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli komuni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta ċerti miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.
- (18) L-ipproċessar b'mezzi elettroniċi tad-data personali meħtieġa bħala parti mill-informazzjoni regolatorja tat-trasport tal-merkanzija jenħtieġ li jitwettaq skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹.
- (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tinġabar informazzjoni sabiex tinforma din l-evalwazzjoni, u sabiex il-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni fl-isfond tal-oġġettivi li din issewvi tiġi evalwata.
- (20) Dan ir-Regolament ma jistax jiġi applikat b'mod effettiv qabel ma jidħlu fis-seħħ l-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni previsti. Dan ir-Regolament għalhekk jenħtieġ li japplika b'effett minn [jekk jogħġbok daħħal id-data], sabiex il-Kummissjoni jkollha biżżejjed żmien biex tadotta dawk l-atti.
- (21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³² u ta opinjoni nhar xx XXX 20xx³³,

³⁰ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

³¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³² Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

³³ ĠU C....

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp tal-applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali għall-komunikazzjoni elettronika ta' informazzjoni regolatorja relatata mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament:
 - (a) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu meħtieġa jaċċettaw informazzjoni regolatorja meta ssir disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi involuti;
 - (b) jistabbilixxi regoli għall-forniment ta' servizzi relatati mad-disponibbiltà elettronika ta' informazzjoni regolatorja mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.
2. Dan ir-Regolament japplika għar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja stabbiliti fl-atti tal-Unjoni li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni skont it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat, jew li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-vjeġġi ta' skart. Fir-rigward tal-vjeġġi ta' skart, dan ir-Regolament ma japplikax għal kontrolli mill-uffiċċji doganali, kif previst fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni. Dawk l-atti tal-Unjoni li japplika għalihom dan ir-Regolament u r-rekwiżiti korrispondenti tal-informazzjoni regolatorja jinsabu elenkati fil-Parti A tal-Anness I.

Dan ir-Regolament japplika wkoll għar-rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja stabbiliti fil-liġi tal-Istati Membri li jittrattaw kwistjonijiet irregolati mit-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat u li jirrikjedu l-għoti ta' informazzjoni li tkun identika, kompletament jew parzjalment, għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Il-leġislazzjoni nazzjonali u r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja korrispondenti msemmija fit-tieni subparagrafu għandhom ikunu elenkati fil-Parti B tal-Anness I, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2(b).
3. Mhux aktar tard minn [jekk jogħġbok daħħal sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali u r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja korrispondenti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, fil-Parti B tal-Anness I. L-Istati Membri għandhom ukoll jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull dispożizzjoni ġdida tal-leġislazzjoni nazzjonali sussegwentement adottata, koperta mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, li tintroduċi bidliet għal dawk ir-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja jew li tistabbilixxi rekwiżiti rilevanti ġodda ta' informazzjoni regolatorja, fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Artikolu 2
Adattament tal-Anness I

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 13 fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I sabiex:

- (a) tinkludi referenza għal kwalunkwe att iddelegat jew ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni, li jstabilixxi rekwiżiti regolatorji ġodda tal-informazzjoni fir-rigward tal-atti legali tal-Unjoni li jirregolaw it-trasport tal-merkanzija skont it-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat;
- (b) tinkorpora referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u għar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja notifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 1(3).

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'informazzjoni regolatorja' tfisser informazzjoni, kemm jekk ippreżentata bħala dokument u kemm jekk le, relatata mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni, inkluż permezz ta' tranżitu, li għandha ssir disponibbli minn operatur ekonomiku kkonċernat skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) sabiex tagħti prova tal-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-atti kkonċernati;
- (2) 'rekwiżit tal-informazzjoni regolatorja' tfisser rekwiżit biex tiġi provduta informazzjoni regolatorja;
- (3) 'informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija' (eFTI) tfisser kwalunkwe sett ta' elementi ta' data pproċessati fuq pjattaforma elettronika għall-finijiet ta' skambju ta' informazzjoni regolatorja bejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati u mal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti;
- (4) 'ipproċessar' tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu fuq eFTI, kemm jekk b'mezzi awtomatizzati u kemm jekk mingħajrhom, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;
- (5) 'pjattaforma tal-eFTI' tfisser kwalunkwe soluzzjoni bbażata fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), bħal sistema operattiva, ambjent operattiv jew bażi tad-data, maħsuba biex tintuża għall-ipproċessar tal-eFTI;
- (6) 'żviluppatur ta' pjattaforma tal-eFTI' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li żviluppat jew akkwistat pjattaforma tal-eFTI għal finijiet ta' pproċessar ta' informazzjoni regolatorja relatata mal-attività ekonomika tagħha stess, jew biex tqiegħed dik il-pjattaforma fis-suq;
- (7) 'servizz tal-eFTI' tfisser servizz li jikkonsisti fl-ipproċessar tal-eFTI permezz ta' pjattaforma tal-eFTI, waħedha jew flimkien ma' soluzzjonijiet oħra tal-ICT, inklużi pjattaformi oħra tal-eFTI;
- (8) 'fornitur ta' servizz tal-eFTI' tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz tal-eFTI lil operaturi ekonomiċi kkonċernati abbażi ta' kuntratt;
- (9) 'operatur ekonomiku kkonċernat' tfisser kwalunkwe operatur tat-trasport jew loġistiku, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra, li tkun responsabbli biex

tagħmel disponibbli informazzjoni regolatorja lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-
rekwiżit tal-informazzjoni regolatorja rilevanti;

- (10) 'format li jista' jinqara mill-bniedem' tfisser mezz ta' rappreżentazzjoni tad-data f'forma elettronika li jista' jintuża bħala informazzjoni minn persuna fiżika mingħajr ma teħtieġ aktar proċessar;
- (11) 'format li jista' jinqara mill-magni' tfisser mezz ta' rappreżentazzjoni tad-data f'forma elettronika li jista' jintuża għall-ipproċessar awtomatiku permezz ta' magna;
- (12) 'korp ta' valutazzjoni tal-konformità' tfisser korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont it-tifsira tal-punt 13 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li huwa akkreditat skont dak ir-Regolament biex iwettaq valutazzjoni tal-konformità ta' pjattaforma tal-eFTI jew ta' fornitur ta' servizz tal-eFTI.

KAPITOLU II

INFORMAZZJONI REGOLATORJA MAGĦMULA DISPONIBBLI B'MOD ELETTRONIKU

Artikolu 4

Rekwiżiti għal operaturi ekonomiċi kkonċernati

1. Fejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jagħmlu disponibbli informazzjoni regolatorja b'mod elettroniku, għandhom jagħmlu dan abbażi ta' data pproċessata fi pjattaforma ċertifikata tal-eFTI u, jekk applikabbli, minn fornitur tas-servizzi tal-eFTI ċertifikat. L-informazzjoni regolatorja għandha ssir disponibbli f'format li jista' jinqara mill-magni u, fuq talba tal-awtorità kompetenti, f'format li jista' jinqara mill-bniedem.

L-informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-magni għandha ssir disponibbli permezz ta' konnessjoni awtentikata u sigura mas-sors tad-data ta' pjattaforma tal-eFTI. L-operaturi ekonomiċi kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-indirizz tal-Internet li permezz tiegħu tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni, flimkien ma' kwalunkwe element ieħor li jkun meħtieġ biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tidentifika b'mod uniku l-informazzjoni regolatorja.

L-informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-bniedem għandha ssir disponibbli fuq il-post, fuq l-iskrin ta' apparat elettroniku li jkun proprjetà tal-operatur ekonomiku kkonċernat jew tal-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu jipproċessaw informazzjoni regolatorja magħmula disponibbli mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati f'format li jista' jinqara mill-magni skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7.

Artikolu 5

Aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw informazzjoni regolatorja magħmula disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati skont l-Artikolu 4.

Artikolu 6
Informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali

L-awtoritajiet kompetenti, il-fornituri tas-servizzi tal-eFTI u l-operaturi ekonomiċi inkwistjoni għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali pproċessata u skambjata f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 7
Sett ta' data tal-eFTI, proċeduri u regoli għall-aċċess komuni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi dawn li ġejjin permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

- (a) sett u sottosettijiet komuni ta' data tal-eFTI fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi, inklużi definizzjonijiet korrispondenti għal kull element ta' data inkluż fis-sett u s-sottosettijiet tad-data komuni;
- (b) proċeduri komuni u regoli dettaljati, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, għall-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għall-pjattaformi tal-eFTI, inklużi proċeduri għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

KAPITOLU III

PJATTAFORMI U SERVIZZI TAL-EFTI

SEZZJONI 1

REKWIŻITI GĦALL-PJATTAFORMI U GĦAS-SERVIZZI TAL-EFTI

Artikolu 8
Rekwiżiti funzjonali għall-pjattaformi tal-eFTI

1. Il-pjattaformi tal-eFTI użati għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jiżguraw li:
 - (a) id-data personali tkun tista' tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;
 - (b) id-data kummerċjali tkun tista' tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 6;
 - (c) tkun tista' tiġi stabbilita konnessjoni unika ta' identifikazzjoni elettronika bejn id-data pproċessata u d-dispaċċ fiżiku ta' sett determinat ta' oġġetti li magħhom tkun relatata dik id-data, mill-orġini sad-destinazzjoni, taħt it-termini ta' kuntratt ta' trasport uniku, irrispettivament mill-kwantità jew mill-għadd ta' kontenituri, pakketti, jew biċċiet;
 - (d) id-data tkun tista' tiġi pproċessata biss abbażi ta' aċċess awtorizzat u awtentikat;

- (e) l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar jiġu rreġistrati kif xieraq sabiex jippermettu, bħala minimu, l-identifikazzjoni ta' kull operazzjoni distinta, il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet l-operazzjoni u s-sekwenzar tal-operazzjonijiet fuq kull element individwali tad-data; jekk operazzjoni tkun tinvolvi l-modifika jew it-tħassir ta' element ta' data eżistenti, l-element tad-data oriġinali għandu jiġi ppreservat;
 - (f) id-data tkun tista' tiġi arkivjata u tibqa' aċċessibbli għal perjodu xieraq ta' żmien, skont ir-rekwiżiti rilevanti tal-informazzjoni regolatorja;
 - (g) id-data tkun protetta kontra l-korruzzjoni u s-serq;
 - (h) l-elementi ta' data pproċessati jkunu jikkorrispondu mas-sett u mas-sottosettijiet komuni ta' data tal-eFT, u jkunu jistgħu jiġu pproċessati fi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 9

Rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI

1. Il-fornituri ta' servizzi tal-eFTI għandhom jiżguraw li:
- (a) id-data tiġi pproċessata biss minn utenti awtorizzati u skont ir-rwol tal-utent u d-drittijiet tal-ipproċessar iddefiniti b'mod ċar fi ħdan il-pjattaforma tal-eFTI, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-informazzjoni regolatorja;
 - (b) id-data tkun maħżuna u aċċessibbli tul perjodu xieraq ta' żmien, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-informazzjoni regolatorja;
 - (c) l-awtoritajiet ikollhom aċċess immedjat għal informazzjoni regolatorja li tirrigwarda operazzjoni tat-trasport tal-merkanzija pproċessata permezz tal-pjattaformi tal-eFTI tagħhom, meta dan l-aċċess jingħata lill-awtoritajiet minn operatur ekonomiku kkonċernat;
 - (d) id-data tkun żgurata b'mod xieraq, inkluż kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra telf aċċidentali, qerda jew ħsara.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

SEZZJONI 3

ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 10

Il-Korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

1. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom ikunu akkreditati skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 għall-finijiet tat-twettiq taċ-ċertifikazzjoni tal-

pjattaformi u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 12 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-akkreditazzjoni, korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.
3. L-Istati Membri għandhom iżommu lista aġġornata tal-korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità, u tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ċertifikati minn dawk il-korpi f'konformità mal-Artikoli 11 u 12. Dawn għandhom jagħmlu dik il-lista disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit uffiċjali tal-internet tal-gvern. Il-lista għandha tiġi aġġornata b'mod regolari, u mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena.
4. Sal-31 ta' Marzu kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-listi msemmija fil-paragrafu 3 lill-Kummissjoni, flimkien mal-indirizz tas-sit elettroniku fejn dawk il-listi jkunu ġew ippubblikati. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħolqa għal dawk l-indirizzi fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha.

Artikolu 11

Ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI

1. Fuq talba minn żviluppatur ta' pjattaforma tal-eFTI, il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jivvalutaw il-konformità tal-pjattaforma tal-eFTI mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(1). Jekk il-valutazzjoni tkun pożittiva, għandu jinħareġ ċertifikat ta' konformità. Jekk il-valutazzjoni tkun negattiva, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jinforma lill-applikant għaliex il-pjattaforma ma tkunx konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.
2. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom iżommu lista aġġornata tal-pjattaformi tal-eFTI ċertifikati u ta' dawk li jkunu rċevew valutazzjoni negattiva. Il-lista aġġornata għandha tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kull darba li jinħareġ ċertifikat jew valutazzjoni negattiva.
3. L-informazzjoni li ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz ta' pjattaforma tal-eFTI ċertifikata għandha tkun akkumpanjata minn marka ta' ċertifikazzjoni.
4. L-iżviluppatur tal-pjattaforma tal-eFTI għandu japplika għal valutazzjoni mill-ġdid ta' ċertifikazzjoni tiegħu jekk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) jiġu riveduti.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni, bl-użu tal-marka ta' ċertifikazzjoni u t-tiġdid ta' ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI.

Artikolu 12

Ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI

1. Fuq talba minn fornitur ta' servizz tal-eFTI, il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jivvalutaw il-konformità tas-servizz tal-eFTI mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(1). Jekk il-valutazzjoni tkun pożittiva, għandu jinħareġ ċertifikat ta' konformità. Jekk il-valutazzjoni tkun negattiva, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jinforma lill-applikant għaliex il-fornitur ma jkunx konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

2. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom iżommu lista aġġornata tal-fornituri tal-eFTI ċċertifikati u ta' dawk li jkunu rċevew valutazzjoni negattiva. Il-lista aġġornata għandha ssir disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati kull darba li jinħareġ ċertifikat jew valutazzjoni negattiva.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.

KAPITOLU IV

DELEGA TAS-SETGĦA U DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 13 Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 11(5) u fl-Artikolu 12(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 11(5) u fl-Artikolu 12(3) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
6. L-att delegat adottat skont l-Artikoli 2, l-Artikolu 10(5) u l-Artikolu 11(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14 Il-proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 15 *Reviżjoni*

1. Mhux iktar tard minn [ħames snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija tar-Rapport.

Artikolu 16 *Monitoraġġ*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni kull sentejn u għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn [sentejn mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]:

1. l-għadd ta' awtoritajiet kompetenti li jkunu implimentaw miżuri biex jaċċessaw u jipproċessaw l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 4(2);
2. l-għadd ta' operaturi ekonomiċi kkonċernati li għamlu disponibbli informazzjoni regolatorja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 4(1), skont il-mezz tat-trasport.

L-informazzjoni għandha tingħata għal kull sena koperta mill-perjodu tar-rapportar.

Artikolu 17 *Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni daħħal erba' snin mid-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President